# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 21**

**Rikors numru 182/17**

**Anthony u Carmela konjuġi Vella**

**v.**

**Debono Developments Limited (C 988) u**
**Paul Debono**

Din hija deċiżjoni fuq rikors ta' Debono Developments Limited u Paul Debono minnhom ippreżentat fit-3 ta' Mejju, 2017, wara li appell li ressqet is-soċjeta` Debono Developments Limited fil-kawża bl-ismijiet premessi (Citazzjoni numru 194/09) kien ġie dikjarat deżert b'digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 2017. Ir-rikorrenti qed jgħidu li din il-Qorti ma setgħetx tagħti digriet ta' dezerzjoni peress li qabel dan ma tatx l-ordnijiet opportuni

kif jitlob l-Artikolu 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jiddisponi illi f'każ li l-proċeduri bil-miktub fl-appell ma jkunux ingħalqu fi żmien sena mill-preżentata tar-rikors tal-appell, din il-Qorti "*għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr*" sabiex jiġi evitat li l-appell imur deżert.

Issa f'dan il-każ, l-appell tressaq fit-13 ta' Mejju, 2013, u mill-ewwel irriżulta li l-appellati ma ġewx notifikati bl-istess. Sar tentattiv wieħed għan-notifika wara l-ħinijiet legali li rriżulta wkoll f'riferta negattiva. Għal <u>erba' snin sħaħ</u> imbagħad ma sar xejn.

Fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2017, quddiem din il-Qorti, il-kawża ġiet differita għall-14 ta' Marzu, 2017, peress li l-appellanti kellu ħsieb ibiddel l-avukat difensur tiegħu. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017, ġie innotat illi l-appellati kienu għadhom ma ġewx notifikati bir-rikors tal-appell, u dakinhar l-appell ġie differit "*għan-notifika li baqa', b'mod partikolari għan-notifika tar-rikors tal-appell u għall-ftehim tal-appuntament għat-trattazzjoni jekk ikun il-każ.*"

Wara dik is-seduta saru żewġ tentattivi għan-notifika, bir-riferti jkunu għal darb'oħra negattivi peress illi "*ma fetaħ ħadd*". Fis-seduta li jmiss tat-2 ta'

Mejju, 2017, wara li ġie konstatat li l-proċeduri bil-miktub baqgħu ma ġewx magħluqa, l-appell ġie dikjarat deżert.

Din il-Qorti tara li għal dan ir-riżultat taħti biss l-appellanti li wriet non-kuranza kbira li ssegwi l-appell tagħha u tara li jiġi debitament notifikat lill-appellati. Is-soċjeta` appellanti kellha erba' snin ċans biex tirrimedja għan-nuqqas ta' notifika, u ma ħadetx il-passi opportuni u li tipprovdi l-liġi biex tara li l-appell tagħha jiġi notifikat. Meta l-każ kien quddiem din il-Qorti, kellha tlett xhur ċans oħra, iżda ma ħadetx passi effettivi u konkreti biex tagħlaq il-proċeduri bil-miktub.

L-ordni li tat din il-Qorti fl-udjenza tal-14 ta' Marzu, 2017, tissodisfa l-vot tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 imsemmi, peress li hija ordni intiża biex tara li l-proċeduri bil-miktub jingħalqu kemm jista' jkun malajr. Ma hux meħtieġ li l-Qorti tispjega l-konsegwenzi li jirriżultaw min-nuqqas li ssir in-notifika relattiva, għax il-konsegwenzi jirriżultaw mil-liġi stess. Din il-Qorti kellha dover tagħti "*l-ordnijiet li jidhrilha xierqa*" għall-iskop indikat, u hekk għamlet fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017. L-appellati kellhom jiġu notifikati sas-seduta li jmiss u darba dan baqa' ma sarx il-liġi timponi d-deżerzjoni (ara, fl-istess sens, is-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Micallef v. Zammit et**).

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi tiċħad it-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors tagħhom tat-3 ta' Mejju, 2017, bl-ispejjeż kontra tagħhom *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df